MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 41/2014

**Dottor Michelle Tabone, K.I. numru 138375 (M), fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, bhala l-amministratur tal-Beni Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta, ghan-nom u fl-interess tal-Monasteru ta' Sant'Ursola**

**vs**

**Mario Borg (K.I. numru 421457(M))**

Il-Bord.

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

1. Illi, ir-rikorrenti nomine, hija s-sid tal-fond 2-3, Archbishop Street, Valletta.

2. Illi, l-imsemmi fond jinsab mikri ghand l-intimat Mario Borg versu l-kera ta' tmien mija u hamsin Ewro (€850.00) fis-sena li tithallas kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

3. Illi, l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti nomine fis-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbghin Ewro (€3,440.00) inport ta' kera mhux imhallsa ghall-iskadenzi bejn it-28 ta' Jannar 2011, 2012, 2013 u 2014, dovuti fuq il-fond fuq imsemmi 2-3, Archbishop Street, Valletta.

4. Illi, ghalkemm gie interpellat diversi drabi ghall-hlas tal-kera, fosthom permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2013, dan baqa' inadempjenti.

5. Illi, l-esponenti qed isoffri danni, b'telf ta' kirjiet skont is-suq hekk kif inhu illum.

*6.* Illi, ir-rikorrenti taf bil-fatti fuq imsemmija di *scentia propria.*

7. Illi, fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh,

ai termini tal-Artikolu 16A et seq. tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghdin isiru dawn il-proceduri sommarji specjali li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza, jekk l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neccessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qeghda hawn titlob illi dan il-Bord joghgbu:-

i. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Jiddikjara xolta u li ma ghandhiex fis-sehh aktar il-kirja li l-intimat kien igawdi fuq il-fond 2-3, Archbishop Street, Valletta, proprjeta' tar-rikorrenti;

iii. Jordna lill-intimat jizgombra mill-fond, 2-3, Archbishop Street, Valletta, fi zmien qasir u perentorju li qed jigi lilu prefiss minn dan l-Onorabbli Bord;

iv. Jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbghin Ewro (€3,440.00) inport ta' kera mhux imhallsa ghall-iskadenzi bejn it-28 ta' Jannar, 2011, 2012, 2013 u 2014, dovuti fuq il-fond 2-3 Archbishop Street, Valletta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru, 2013.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn il-Bord wara li semgha lill-intimat jiddikjara illi huwa ma hallasx il-kera dovuta ghaliex ma kellux il-mezzi mehtiega u li anke llum jehtieglu aktar zmien sabiex ikun jista’ jissalda d-debitu tieghu, ddikjara illi l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x’jaghti skond il-ligi;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentati tal-fatti minnha maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat ma ghandu l-ebda opposizzjoni x’jista’ jaghmel skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta’ smiegh fit termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk jiddikjara xolta u mhux aktar fis-sehh il-kirja li l-intimat kien igawdi fuq il-fond 2-3, Archbishop Street, Valletta. Konsegwentement jordna lill-intimat jizgombra mill-fond, 2-3, Archbishop Street, Valletta, fi zmien tletin (30) jum mil-lum. Inoltre qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbghin Ewro (€3,440.00) dovuti minnu bhala kera ghall-iskadenzi kif indikati fir-rikors promutur.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------